**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 964/2023**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

**Vasko Gruevski magħruf ukoll bħala**
**Ivanov Asen Georgiev**

**Illum, 6 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat illi tressaq b'arrest Gruevski Vasko magħruf ukoll bħala Asen Georgiev Ivanov, iben Sasho u Jordanka, imwieled Skopje ġewwa l-Maċedonja ta' Fuq nhar l-24 ta' Frar 1991, mingħajr indirizz fiss ġewwa Malta, detentur ta' karta tal-identità Maċedonjana bin-numru A2270480 u passaport Maċedonjan bin-numru C1043173

*Akkużat talli fl-14 ta' Novembru 2023, għall-ħabta tas-2:45A.M., u/jew fix-xhur ta' qabel, iżda mill-24 t'April 2023 'l quddiem, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk*

*magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda w ċioe talli:*

*1. Sbieħ l-20 ta' Ġunju 2023, għall-ħabta tas-2A.M, flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq minn ġewwa l-istabbiliment ta' Montblanc fi Triq il-Merkanti, Valletta wera dan il-ħsieb b'atti esterni w ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu, u kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq ikkwalifikatat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, għad-dannu tas-soċjetá Blue Rock Ltd u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;.*

*2. Sbieħ it-22 ta' Ġunju 2023, għall-ħabta tat-3:20A.M. ikkommetta serq ta' għadd ta' nuċċalijiet u/jew xi oġġetti oħra mill-istabbiliment ta' Roltz Eyewear fi Sqaq Bisazza, Sliema, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, u li sar għad-dannu tas-soċjetá Roltz Eyewear Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*3. Fil-lejl bejn id-19 u l-20 ta' Lulju 2023 ikkommetta serq ta' diversi mobile phones w apparat elettroniku ieħor u/jew xi oġġetti oħra mill-istabbiliment ta' Forestals fi Triq il-Birrerija, Qormi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, u li sar għad-dannu tas-soċjetá Forestals Entertainment Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*4. Nhar id-9 t'Awwissu 2023 minn Triq Nazzjonali, Ħamrun, ikkommetta serq ta' pjanċa tar-reġistrazzjoni BCG214 minn mutur Piaggio Vespa li jġib l-istess numru, liema serqa hija aggravata bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u li saret għad-dannu ta' Christopher Mintoff u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*5. Fil-lejl bejn l-10 u l-11 t'Awwissu 2023, ikkommetta serq ta' diversi mobile phones w laptops u/jew xi oġġetti oħra mill-istabbiliment ta' Forestals fi Triq il-Birrerija, Qormi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, u li sar għad-dannu tas-soċjetá Forestals Entertainment Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*6. Fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2023, ikkommetta serq ta' diversi laptops u/jew xi oġġetti oħra mill-istabbiliment ta' EPC Computer Centre fi Triq Sant' Elena, Mellieħa, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, u li sar għad-dannu tas-soċjetá Multi-net Co. Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*7. Sbieħ it-13 ta' Settembru 2023, għall-ħabta tat-3:20A.M. ikkommetta serq ta' diversi iPhones, mobile phones u/jew xi oġġetti oħra mill-istabbiliment ta' Melita fi Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Triq San Pawl, Naxxar, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, u li sar għad-dannu tas-soċjetá Melita Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*8. Nhar is-16 t'Awwissu 2023, fi Triq San Publiju, Sliema ikkommetta serq ta' pjanċa tar-reġistrazzjoni KCH471 minn fuq mutur Kymco Agility Carry li jġib l-istess numru, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Maulik Chandrakantbhai Joshi u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*9. Sbieħ il-21 ta' Settembru 2023, għall-ħabta ta' l-4A.M.bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq mill-istabbiliment Phone Refix fi Triq it-Torri, Birkirkara, wera dan il-ħsieb b'atti esterni w ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu, u kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin*

*Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, għad-dannu ta' Charles Zammit u Clint Abela u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*9A. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hekk kif indikat fl-imputazzjoni nru. 9 b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fis-sub-titolu IV tat-titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioe bieb ta' l-istess ħanut, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt (€2,500) Euro, iżda iżjed minn mitejn u ħamsin (250) Euro (ai termini ta' l-Art, 325(1)(b) tal-Kap. 9) għad-dannu ta' Charles Zammit u Clint Abela u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*10. Sbieħ il-21 ta' Settembru 2023, għall-ħabta ta' l-4:15A.M. ikkommetta serq ta' diversi iPhones, mobile phones u/jew xi oġġetti oħra mill-istabbiliment ta' Forestals fi Triq il-Birrerija, Qormi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, u li sar għad-dannu tas-soċjetá Forestals Entertainment Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*11. Sbieħ it-13 t'Ottubru 2023, għall-ħabta tat-3A.M. bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq mill-istabbiliment ta' Intercomp fi Triq Aldo Moro, Marsa, wera dan il-ħsieb b'atti esterni w ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu, u kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, għad-dannu tas-soċjetá Intercomp Marketing Limited (C20612) u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*11A. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hekk kif indikat fl-imputazzjoni nru. 11 b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fis-sub-titolu IV tat-titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioe' bieb tal-ħġieġ ta' l-istess stabbiliment, liema ħsara*

*tiskorri l-elfejn u ħames mitt (2,500) Euro, (ai termini ta' l-Art. 325(1)(a) tal-Kap. 9) għad-dannu ta' Intercomp Marketing Limited (C20612) u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*12. Sbieħ is-7 t'Ottubru 2023, għall-ħabta tat-3:20A.M. bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq mill-istabbiliment ta' Melita fi Triq tal-Barrani, Tarxien, wera dan il-ħsieb b'atti esterni w ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu, u kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, għad-dannu ta' Melita Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*12A. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hekk kif indikat fl-imputazzjoni nru.12 b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fis-sub-titolu IV tat-titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioe' bieb ta' l-istess stabbiliment, liema ħsara tiskorri l-elfejn u ħames mitt (2,500) Euro, (ai termini ta' l-Art. 325(1)(a) tal-Kap. 9) għad-dannu ta' Melita Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*13. Nhar is-7 t'Ottubru 2023, u/jew fil-jiem ta' qabel, f'tas-Sliema u/jew fl-akwati tal-madwar, ikkommetta serq ta' pjanċa tar-reġistrazzjoni CCJ651 minn fuq mutur tal-marka SYM Symphony li jġib l-istess numru, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Samed Balla u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*14. Nhar l-1 ta' Novembru 2023, għall-ħabta tal-5A.M. bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq mill-istabbiliment ta' Blu Wave - Go Reseller fi Triq Sir Frederick C. Ponsonby, Gżira, wera dan il-ħsieb b'atti esterni w ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu, u kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin,*

*għad-dannu ta' Aldo Farrugia u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*14A. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hekk kif indikat fl-imputazzjoni nru. 14 b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fis-sub-titolu IV tat-titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioe bieb ta' l-istess stabbiliment, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt (2,500) Euro, iżda iżjed minn mitejn u ħamsin (250) Euro (ai termini ta' l-Art. 325(1)(b) tal-Kap. 9) għad-dannu ta' Aldo Farrugia u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*15. Nhar is-6 ta' Novembru 2023, għall-ħabta ta' l-4:45A.M. ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa l-kiosk Chubbz Burger fi Triq il-Labour, Naxxar, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin, u li sar għad-dannu ta' Dylan Borg u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*16. Sbieħ l-14 ta' Novembru 2023, għall-ħabta tas-2:45A.M. ikkommetta serq ta' diversi mobile phones u/jew xi oġġetti oħra mill-istabbiliment ta' Forestals fi Triq is-Sebħ, Qormi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, u li sar għad-dannu tas-soċjetá Forestals Entertainment Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;*

*17. Nhar it-18 ta' Novembru 2023 u/jew fix-xhur u/jew snin ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, b'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz; (Art. 188(1) tal-Kap. 9)*

*18. Mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni li kien iffalsifikat; (Art. 32(1)(f) tal-Kap 217)*

*19. Iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport jew uża jew kellu passaport li huwa jaf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih; (Art. 5 tal-Kap 61)*

*20. Nhar it-18 ta' Novembru 2023, u/jew fil-jiem u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-gżejjer saq mutur Piaggio Beverly mingħajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;*

*21. Nhar it-18 ta' Novembru 2023, u/jew fil-jiem u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer, għamel użu minn mutur Piaggio Beverly mingħajr ma kien liċenzjat sabiex jintuża fit-triq;*

*22. Nhar it-18 ta' Novembru 2023, u/jew fix-xhur u/jew snin ta' qabel f'dawn il-gżejjer għamel dikjarazzjoni falza, jew ta tagħrif falz, jew ipproduċa xi dokument falz għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Att Dwar il-Karta Tal-identità u Dokumenti Oħra Tal-identità (Kap. 258), meta kien jaf li dan huwa falz jew iffalsifika dokument tal-identità jew xi dokument ieħor jkun li jkun meħtieġ jew maħsub għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-istess Att (Art. 24(2)(b)(ċ) tal-Kap. 258.*

*23. Finalment, nakkużawh ukoll, talli kemm il-darba jinsab ħati jkun irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu minn Qrati esteri.*

Rat illi matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tat-20 ta' Novembru 2023, ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat ma irrispondiex għall-ebda domanda li saritlu u dan minkejja li kien assistit minn avukat u kellu interpretu.[1]

Rat illi waqt l-udjenza tas-16 ta' Jannar 2025 l-imputat b'mod volontarju għażel li jirreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu u wissietu

[1] Folio 8-10 tal-atti proċesswali

solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsulta mal-avukat ta' fiduċja tiegħu u jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u, jekk ikun il-każ, jerġa lura minnha.[2]

Rat illi l-imputat reġa' tenna u ikkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.[3]

Rat illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u li a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront tal-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċentament ippruvati.

Rat il-procés-verbal bin-numru 770/2023 redatt mill-Maġistrat Dr. Joseph Gatt dwar serqa bi sgass minn ġewwa l-istabbiliment Forestals li jinsab fi Triq l-Intornjatur (Zona Industrijali, l-Imrieħel) Birkirkara nhar il-11 ta' Awwissu 2023.[4]

Rat il-procés-verbal bin-numru 768/2024 redatt mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace dwar serqa ta' diversi mowbajls li seħħet ġewwa l-ħanut tal-Melita fi Triq il-Parroċċa, Naxxar nhar it-13 ta' Settembru 2023.[5]

[2] Folio 1150-1151 tal-atti proċesswali
[3] Folio 1150-1151 tal-atti proċesswali
[4] Folio 202a-341 tal-atti proċesswali
[5] Folio 344-350 tal-atti proċesswali

Rat il-procés-verbal bin-numru 790/2024 redatt mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella dwar serqa minn ġewwa l-istabbiliment tal-Forestals fi Triq il-Birrerija, l-Imrieħel irrapportara nhar l-20 ta' Lulju 2023.[6]

Rat il-procés-verbal bin-numru 116/2024 redatt mill-Maġistrat Dr. Noel Bartolo dwar serqa aggravata minn ġewwa ħanut bl-isem EPC Computer Centre li jinsab fi Triq Sant' Elena, Mellieħa li ġiet irrapportata nhar it-8 ta' Settembru 2023.[7]

Rat il-procés-verbal bin-numru 290/2024 redatt mill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana dwar serq bi sgass ta' numru ta' mobile phones minn ġewwa l-istabbiliment 'Forestals' sitwat fi Triq il-Birrerija (Zona Industrijali, l-Imrieħel) Birkirkara nhar il-21 ta' Settembru 2023.[8]

Rat il-procés-verbal bin-numru 533/2024 redatt mill-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia dwar rapport ta' serqa ġewwa stabbiliment bl-isem ta' 'Forestals' sitwat fi Triq l-Intornjatur (Zona Industrijali) l-Imrieħel, Birkirkara irrapportata nhar l-14 ta' Novembru 2023 għall-ħabta ta' 02:45HRS.[9]

Rat il-fedina penali tal-imputat datata 19 ta' Novembru 2023.[10]

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, datat 16 ta' Jannar 2025, fejn talbu li l-Qorti timponi piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' ħames (5) snin u sitt (6) xhur.[11]

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża.

---

[6] Folio 353-453 tal-atti proċesswali
[7] Folio 575-735 tal-atti proċesswali
[8] Folio 824-923 tal-atti proċesswali
[9] Folio 1095-1149 tal-atti proċesswali
[10] Dok. JM1, Folio 11 tal-atti proċesswali
[11] Folio 1174 tal-atti proċesswali

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2025.[12]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża ippreżentata fis-seduta tal-4 ta' Frar 2025.[13]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[14]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ immur lura għal perjodu ta' żmien bejn April 2023 u Novembru 2023 meta l-imputat ikkommetta sensiela ta' serqiet minn diversi stabbilimenti kummerċjali f'indirizzi varji. In konnessjoni mas-serq, l-imputat jinsab akkużat ukoll illi volontarjament ikkaġuna ħsara waqt l-eżekuzzjoni tal-istess delitti. In oltre, l-imputat huwa akkużat li ta dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika, li kellu fil-pussess tiegħu dokumenti iffalsifikati, li iffalsifika passaport, li saq mutur li ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni, li saq mutur mhux liċenzjat sabiex jintuża fit-triq, u kif ukoll li huwa reċidiv b'sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu minn Qrati esteri.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

In vista tal-ammissjoni li ġiet reġistrata mill-imputat waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2025, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-

[12] Folio 1177-1191 tal-atti proċesswali
[13] Dok. MH1, Folio 1192-1197 tal-atti proċesswali
[14] Folio 1176 tal-atti proċesswali

avukat difensur tiegħu u bl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tqis li m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputat ħati tar-reati addebiti kontrih u għalhekk ser tgħaddi sabiex tippronunzja sentenza fil-konfront tiegħu.[15]

Illi għall-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ is-segwenti fatturi:

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali tal-imputat aġġornata sad-19 ta' Novembru 2023.[16] Sa dakinhar il-fedina penali kienet netta u ma jinsabu ebda sentenzi reġistrati kontrih. Madankollu ma ġietx imressqa fedina penali dwar possibilità ta' reati li saru barra minn Malta.

2. L-imputat ma ammettiex fl-ewwel okkażjoni li seta' u fl-aktar stadju bikri. Fil-fatt irreġistra ammissjoni fi stadju avvanzat tal-proċeduri u ċioe wara li l-prosekuzzjoni kienet ressqet bosta xhieda.[17]

3. F'dan ir-rigward il-Qorti ikkunsidrat il-ġurisprudenza nostrana u dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[18] Hawn hekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

   "*Kull Qorti kellha u għad għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi hi jekk il-każ jimmeritax tnaqqis fil-piena minħabba li tiġi reġistrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra*

---

[15] Folio 1150-1151 tal-atti proċesswali
[16] Dok. JM1, Folio 11 tal-atti proċesswali
[17] Folio 1150-1151 tal-atti proċesswali
[18] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**, Qorti Kriminali, 24/2/1997; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7/7/2002; App. Nru: 385/2015, **Il-Pulizija vs. Andre Falzon**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 19/11/2015; App. Nru: 99/2017, **Il-Pulizija vs. Godfrey Formosa**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 26/10/2017; *Archbold 2021 Sentencing Guidelines*, Thomson Reuters, London, 2021; u, *Blackstone's Criminal Practice 2006*, Oxford University Press, Oxford, 2005

*tnaqqis fil-piena minħabba f'hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-oħra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkużi li hemm dedotti kontra tiegħu għandu jkun penalizzat minħabba l-kontestazzjoni tiegħu. Kull persuna akkużata għandha dritt li tikkontesta l-akkużi dedotti kontra tagħha u tipproduċi x-xhieda idoneji. Għalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-proċess jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m'għandux jiġi penalizzat jekk ma jammettix."*[19]

4. Illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, stante li l-prosekuzzjoni kienet għadha ma għalqitx il-provi tagħha, tqis li l-ammissjoni tal-imputat saret fi stadju raġonevoli u għandha titqies bħala attenwanti favur l-imputat.

5. B'żieda għal dan, il-Qorti tqis illi l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi.

6. Illi l-imputat ikkopera mal-pulizija tul l-istħarriġ tagħhom u anke ammetta għal diversi serqiet mitkellem dwarhom. Dan kif jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca mogħtija nhar is-7 ta' Diċembru 2023,[20] u mill-istqarrija tal-imputat innifsu.[21]

7. Illi l-imputat wera rimors għal dak kollu li kien għamel fejn fil-fatt fl-istqarrija tiegħu qal: "*I regret everything what I have done, these last few weeks I wanted the police to catch me because I started to go crazy."*[22]

8. Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serjissima tar-reati li bl-ammissjoni tiegħu l-imputat qiegħed jinstab ħati dwarhom.

[19] App. Nru: 13/2002, **Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11/11/2004
[20] Folio 193-194 tal-atti proċesswali
[21] Dok. KV1 Folio 1023-1070 tal-atti proċesswali
[22] Folio 1027 tal-atti proċesswali

9. Illi l-Qorti ikkunsidrat dak kontenut fir-rikors konġunt tal-partijiet u ċioe li f'każ ta' ammissjoni tal-imputat l-Qorti għandha timponi fuqu piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' ħames (5) snin u sitt (6) xhur.[23]

10. Illi fit-trattazzjoni finali l-prosekuzzjoni issottomettiet illi l-imputat għandu jiġi ikkundannat għal terminu ta' priġunerija effettiva ta' ħames (5) snin u sitt (6) xhur hekk kif ġie miftiehem bejn il-partijiet. Il-prosekuzzjoni tenniet illi l-imputat għandu jiġi ukoll ordnat iħallas l-ispejjeż tal-esperti inkarigati fl-inkjesti u li jikkumpensa lill-vittmi.

11. Min-naħa l-oħra d-difiża filwaqt li abbraċjat mal-pożizzjoni tal-prosekuzzjoni in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata minn din il-Qorti, dwar l-ispejjeż peritali issottomettiet illi skond is-sentenza fl-ismijiet **John Saliba vs. Avukat Ġenerali et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-8 ta' Lulju 1998, affermat illi membru tal-Korp tal-pulizija ma jistax jitqies bħala espert indipendenti, u allura l-imputat m'għandux jiġi ikkundannat iħallas l-ispejjeż relatati ma' inkarigi simili, anke jekk tali inkarigi ġew mogħtija minn Maġistrati Inkwirenti. Argumentat ukoll illi jekk il-Qorti għandha issib li pulizija jistgħu jinħatru bħala esperti, id-difiża qiegħda tikkontesta l-ammont tar-rapport stante li ċ-ċifri indikati m'humiex ċari.

12. Id-difiża qed tikkontesta ukoll il-ħlas tar-rapport tal-espert forensiku Dr. Marisa Cassar tat-28 ta' Novembru 2023 li fih jinsabu elenkati riżultati ta' diversi kampjuni meħuda mis-SOCO Ciappara, stante li r-rapport tal-istess Ciappara ma jirriżultax mill-atti, u allura d-difiża ma tistax tivverifika li tali kampjuni verament ittieħdu. L-istess argument ġie ippreżentat fir-rigward tar-rapport ieħor tal-espert forensiku Dr. Marisa

[23] Folio 1174 tal-atti proċesswali

Cassar tal-10 ta' Jannar 2024 u dana stante illi l-procés-verbal tal-Maġistrat Dr. Noel Bartolo ma jinsabx fl-atti.

13. Illi in replika dwar il-punti imqajjma mid-difiża, il-prosekuzzjoni saħqet illi tali talbiet kellhom jitqajmu fi stadju preċedenti fejn seta' jintalab l-isfilz tar-rapport relattiv u mhux waqt it-trattazzjoni finali. Argumentat illi tali esperti ġew maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti u għalhekk għandhom jiġu meqjusa bħala esperti fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9. Dwar il-punt illi iċ-ċifri preżentati fir-rapporti imsemmija m'humiex ċari, il-prosekuzzjoni saħqet illi l-esperti telgħu kollha jikkonfermaw ir-rapport tagħhom bil-ġurament.

14. Dwar l-argument illi żewġt rapporti partikolari tal-espert forensiku Dr. Marisa Cassar m'għandhomx jitħallsu mill-imputat, il-prosekuzzjoni saħqet illi l-inkjesti kollha ġew ippreżentati.

15. Illi l-Qorti ma hija bl-ebda mod marbuta ma' dak li pproponew il-partijiet in linea ta' piena iżda tqis li din il-piena hija waħda legalment proponibbli u fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Illi l-Qorti ikkunsidrat fit-tul dwar il-konkors tar-reati f'dan il-każ u l-gravità tagħhom fil-komputazzjoni tal-piena li għandha tiġi inflitta in linea mad-disposti tal-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Illi l-Artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena u ċioe:

*"(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence".*

18. Fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza nostrana, meta tasal għal piena li għandha tiġi erogata l-Qorti m'għandiex tħares lejn il-piena biss bħala deterrent, iżda bħala piena restorattiva. Fil-fatt ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali li:

*"…huwa opportun li tneħħi l-impressjoni li l-iskop tal-liġi kriminali u tal-piena, hu biss li jkun ta' deterrent biex jgħallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa ċertament kunċett li għamel żmien u kien il-kunċett predominanti, però llum kunċett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta'sistema restorattiva, fejn jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anke taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, wkoll tal-preċedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonċiljazzjoni bejn l-aġent tad-delitt u l-vittma li tkun soffriet danni u anke sofferenzi oħrajn, imma anke li jkun hemm possibilità li dak li jkun jiġi riformat u jikkonvinċi ruħu li għandu jsegwi t-triq t-tajba."*[24]

19. Illi allura min hu imsejjaħ sabiex jiġġudika m'għandux iħares biss lejn l-interessi tal-persuna ikkundannata iżda għandu jara illi jħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u tas-soċjetà in ġenerali billi jagħti dik il-piena li għandha sservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kommissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-riabilitazzjoni u r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lill-pubbliku u li l-ħati jagħmel riparazzjoni għal ħażin li jkun għamel.

20. Dwar dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi:

*"Il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjetá fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi ripristinata t-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm*

---

[24] **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri**, Qorti tal-Appell Kriminali, 22/9/1993

*ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjetà dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena".*[25]

Miżmumin fermi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi piena karċerarja b'mod effettiv hija l-unika piena idonea f'dan il-każ.

## Decide

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 188(1), 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 289, 325(1), 325(1)(a), 325(1)(b), 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 24(2)(b)(ċ) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta issib lil Vasko Gruevski magħruf ukoll bħala Ivanov Asen Georgiev fuq ammissjoni tiegħu stess **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah terminu ta' priġunerija effettiva ta' **ħames (5) snin u sitt (6) xhur** li minnhom għandhom jitnaqqsu dawk ġia skontati taħt arrest preventiv.

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrendi applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-*Probation*, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati Vasko Gruevski magħruf

[25] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28/11/2006

ukoll bħala Ivanov Asen Georgiev sabiex fi żmien sena mil-lum iħallas is-segwenti:

1. Is-somma ta' € 1,475 lil Charles Zammit u Clint Abela fi ħsara;
2. Is-somma ta' €6,918.58 lis-soċjetà Intercomp Marketing Limited (C20612) f'oġġetti misruqa;
3. Is-somma ta' €10,211.44 lis-soċjetà Intercomp Marketing Limited (C20612) fi ħsara u spejjeż oħra;
4. Is-somma ta' €400 lis-soċjetà Blue Rock Ltd fi ħsara;
5. Is-somma ta' €2,884.23 lis-soċjetà Multi-net Co. Limited f'oġġetti misruqa;
6. Is-somma ta' € 10,637 lis-soċjetà Melita Limited f'oġġetti misruqa.
7. Is-somma ta' €180 lis-soċjetà Melita Limited fi ħsara.

Illi din l-ordni għall-ħlas ta' danni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

In oltre, fir-rigward tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'każ ta ħtija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati sabiex fi żmien massimu lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż kollha tal-esperti maħtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' tlettax-il elf, tmien mija u disgħa u erbgħin Ewro u sittin ċenteżmu (**€13,849.60**) kwantu għal:

1. €994.62 – Relazzjoni tal-Espert Tekniku Dr. Stephen Farrugia Sacco fl-atti tal-inkjesta 770/2023;[26]

[26] Folio 226 tal-atti proċesswali

2. €255.02 – Uffiċċjali tax-Xena tar-Reat Gabriella Vella u James Francalanza fl-atti tal-inkjesta 770/2023;[27]
3. €566.40 - Relazzjoni tal-Espert Forensiku Dr. Marisa Cassar fl-atti tal-inkjesta 770/2023;[28]
4. €871.90 – Dr. Lennox Vella fl-atti tal-inkjesta 768/2023;[29]
5. €149.97 – Uffiċċjali tax-Xena tar-Reat Kurt Attard u Rebekka Bartolo fl-atti tal-inkjesta 768/2023;[30]
6. €417.60 – Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku il-Perit Richard Aquilina fl-atti tal-inkjesta 790/2023;[31]
7. €250.93 - Uffiċċjali tax-Xena tar-Reat Rebekka Bartolo u Kaylen Borg fl-atti tal-inkjesta 790/2023;[32]
8. €559.31 – Rapport ta' Jonathan Mizzi fl-atti tal-inkjesta 790/2023;[33]
9. €1,321.60 – Dr. Steven Farrugia Sacco fl-atti tal-inkjesta 116/2024;[34]
10. €775.73 – Relazzjoni tal-Espert Legali Dr. Anthony Cutajar fl-atti tal-inkjesta 116/2024;[35]
11. €175.63 – Uffiċċjali tax-Xena tar-Reat Kurt Attard u Kaylen Borg fl-atti tal-inkjesta 116/2024;[36]
12. €458.31 – Relazzjoni tal-Espert Legali Dr. Alex Scerri Herrera fl-atti tal-inkjesta 290/2024;[37]
13. €347.86 – Relazzjoni tal-Espert Tekniku il-Perit Richard Aquilina fl-atti tal-inkjesta 290/2024;[38]

---

[27] Folio 311 tal-atti proċesswali
[28] Folio 339 tal-atti proċesswali
[29] Folio 477 tal-atti proċesswali
[30] Folio 493 tal-atti proċesswali
[31] Folio 378 tal-atti proċesswali
[32] Folio 391 tal-atti proċesswali
[33] Folio 447 tal-atti proċesswali
[34] Folio 594 tal-atti proċesswali
[35] Folio 695 tal-atti proċesswali
[36] Folio 707 tal-atti proċesswali
[37] Folio 862a tal-atti proċesswali
[38] Folio 877 tal-atti proċesswali

14. €146.10 – Uffiċċjali tax-Xena tar-Reat Stephanie Said u Benjamin Abela fl-atti tal-inkjesta 290/2024;[39]
15. €633.69 – Relazzjoni tal-Espert Tekniku Alvin Cardona fl-atti tal-inkjesta 290/2024;[40]
16. €179.51 – Dr. Katya Vassallo;[41]
17. €626.58 – Relazzjoni tal-Espert Tekniku Dr. Anthony Cutajar fl-atti tal-inkjesta 553/2024;[42]
18. €870.84 – Relazzjoni tal-Espert Forensiku Dr. Marisa Cassar fl-atti tal-inkjesta 553/2024;[43]
19. €566.40 - Relazzjoni tal-Espert Forensiku Dr. Marisa Cassar fl-atti tal-inkjesta 116/2024;[44]
20. €3,681.60 - Relazzjoni tal-Espert Forensiku Dr. Marisa Cassar fl-atti tal-inkjesta 790/2024.[45]

Komunika: Reġistratur tal-Qorti

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Mogħtija illum nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

---

[39] Folio 884 tal-atti proċesswali
[40] Folio 917 tal-atti proċesswali
[41] Folio 1070 tal-atti proċesswali
[42] Folio 1144 tal-atti proċesswali
[43] Folio 1149 tal-atti proċesswali
[44] Folio 1161 tal-atti proċesswali
[45] Folio 1173 tal-atti proċesswali

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**